Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAL-ERBGHA U SITTIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 05 ta'Ottubru 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.10pm |

**KULHADD KIEN PREZENTI U FIL-HIN HLIEF IS-SUR JOHN P. BONNICI U DOTT. LUISA GAUCI BALUCI, LI FIL-BIDU TAL-LAQGHA KIENU GHADU MA WASLUX. ID-DOTT. LUISA GAUCI BALUCI NFURMAT IL-KUNSILL LI MINHABBA MPENJI TA' XOGHOL SETGHET MA TLAHHAQX TIGI.**

**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| **Skuzata** | Dott. | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku.**

1. **GURAMENT TAL-HATRA – KUNSILLIER GDID**
   Dan l-item gie maqbuz minhabba li kien ghadu ma wasalx il-Kummissarju tal-Gustizzja.

2. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Il-minuti gew approvati bla korrezzjonijiet.

3. **KORRISPONDENZA**
   🗁 E-mail minghand ir-Regjun Centrali rigward gbir ta' fondi mill-Community Chest Fund permezz ta' ideja li simbolikament wiehed jipparkja illegalment. Is-Sur Stefan Cordina spjega dak li ntqal waqt il-laqgha u qal li issa wiehed jara liema hi l-ahjar triq u wiehed jiddeciedi. Is-Sur Spiteri qal li ha ninkoraggixxu l-ipparkjar illegali. Is-Sur Cordina qal li dan ha jsir simbolikament. Is-Sur Alfred Zammit issuggerixxa t-triq ta' wara l-Knisja. Ha tittiehed decizjoni iktar tard.
   🗁 E-mail minghand Stefan Grima rigward talba biex Triq is-Salvatur issir two-way jew one-way bil-kuntrarju bl-eccezzjoni ta' residenti li ghandhom garaxx fil-bidu. Din it-talba ma gietx milqugha minhabba li hi dejqa wisq sabiex terga' ssir two-way u ma jsirux eccezzjonijiet fil-kaz tad-dhul ghall-garaxxijiet.
   🗁 Ittra minghand residenti fi Triq Hal Warda rigward il-ftuh ta' Triq Xatbet l-Art. Is-Sur Cordina qal li fl-ebda hin ma kien hemm indikazzjoni li din sa tinfetah u jekk se mai din tkun id-decizjoni jigu kostruwiti *culverts* adekwati mal-genb fin-naha ta' fuq u t'isfel li jgongu mal-culvert il-kbir.
   🗁 Ittra minghand il-MEPA rigward ksur tal-kontroll tal-Ippjanar permess ta' bini ta' hitan tas-sejjiegh sabiex tittranga *area* zdingata f'Wied is-Sewda. Ma ttehddietx decizjoni fuq x'sa jsir jekk jigix rijabilitat jew jibqax kif inhu.
   🗁 Ittra minghand resident fi Triq il-Kappar rigward diffikulta' sabiex jidhol u johrog mill-garaxx. Is-Sur Philip Caruana flimkien ma' xi haddiema ghandu jmur fuq il-post.
   🗁 Ritratti sabiex jigi rrangat sprall fi Triq il-Pitkali kwazi ma' La Patisserie.
   🗁Suggerimenti mis-Sur Cassar rigward qlugh u zriegh ta' sigar ghall-Gnien Hal Warda. Dawn is-suggerimenti gew milqugha.

🗁 Kopja ta' ittra mibghuta Trasport Malta rigward *yellow line* faccata tal-garaxx nru. 64. Transport Malta diga' kienet approvat linja ta' certu tul u zgur ma jistax ikun li dan jitwal iktar minhabba limitazzjonijiet ta' parkegg fl-area sakemm Transport Malta ma taghtix permess ulterjuri.
🗁 Ittra minghand is-Sur Anthony Spiteri rigward *rubber turf* gdid ghall-iskola minhabba li dan saritlu hsara bil-maltemp. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li jista' wiehed japplika taht il-progetti specjali pero' l-Kunsill hass li hemm iktar affarijiet importanti li jinvolvu l-komunita' kollha u cioe' l-Open Air Gym Per Ezempju. Is-Sur Spiteri qal li l-iskola ghandha *budget* ghaliha u jiskanta kif ma jsibux il-flus ghal din it-tip ta' manutenzjoni. Ghalhekk ghalissa din it-talba ma gietx milqugha.

**4. RAPPORTI – XOGHOLIJIET**

Is-Sur Cordina nforma li ttella' l-hajt tas-sejjiegh fi Triq Santa Katerina. Is-Sur Cassar qal li l-bankina saret tajba imma thallew xi boroz suwed li kienu saru biex ma jimxux in-nies minn fuqha. Dawn ha jitnehhew minnufih.

Is-Sur Cordina qal li nqala' ntopp fuq Gnien Hal Warda minhabba li sar xoghol bla monitoragg u naturalment is-Sinjura Kim Muscat irrapurtat il-kaz il-Heritage Superintendence. Naturalment wara ntervent li sar min-naha tieghu,is-Sur Cordina qal li ha jitkompla x-xoghol biss irrid ikun hemm monitoragg kontinwament. Is-Sur Spiteri saqsa fuq l-ispiza li hemm imnizzla fic-cedola ta' pagamenti ta' Settembru u kemm ha ddum tithallas minhabba li l-ammont hu vera eccessiv. Is-Sur Cordina qal li fadal forsi xahar iehor, jkun lest l-iskavar u ma jkunx hemm bzonn ta' monitoragg izjed sabiex isir il-madum u l-ghamara tal-Gnien.

**5. APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET SETTEMBRU**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni l-hlasijiet t'Settembru. Dawn gew approvati wara li s-Sur Spiteri gibed l-attenzjoni fuq l-ammont ta' pagamenti li kien hemm. Hu qal li veru dahlu hafna transazzjonijiet ghax kien hemm darbtejn salarji u certi pagamenti ohra imma tajjeb wiehed izomm kontroll. Is-Sur Bonnici rrimarka li jekk ikun hemm xi attivitajiet bhal ma ghadha kif saret bil-fors li jidhlu hafna pagamenti. Is-Sur Cordina talab sospensjoni minhabba li f'dan il-waqt wasal is-Sur Ian Castaldi Paris, Kummissarju tal-Gustizzja u Nutar, ghall-gurament tal-hatra tas-Sur Remigio Bartolo.

Is-Sur Remigio Bartolo ha l-gurament tal-hatra bhalha Kunsillier gdid flok is-Sur Norbert Pace li halliena fl-10 ta' Settembru. Id-Dipartiment ha jigi infurmat.

**6. SKEMI: FINANZJAMENT TA' PROGETTI SPECJALI, ATTIVITAJIET SPORTIVI U OHRAJN B'RISQ IL-COMMUNITY CHEST FUND**

**Skema attivita' b'risq il-Community Chest Fund:** Is-Sur Bartolo qal li hu membru tal-Bord tal-Community Chest Fund u li hu jista' jghin. Is-Sur Remigio Bartolo ssuggerixa li bhalha attivita' tista' ssir harga kulturali li jistghu isiru ghall-ahhar ta' Novembru u jingabru zewg privates fejn jintalab hlas ta' Euro 10. Din l-attivita' ghandha tigi ko-ordinata mis-Sur Bartolo bl-ghajnuna tal-istaff tal-Kunsill.
Is-Segretarju Ezekuttiv ssuggerit ukoll li jsir Bazaar bhal ma sar is-sena l-ohra minhabba li kienet ingabret somma sostanzjali minnu. Is-Sur Spiteri wera x-xewqa li jsir b'differenza u jkun XMAS BAZAAR mhux biss Bazaar u ha jsir ic-Centru. Is-Segretarju ha tara kemm hu possibli minhabba li iktar ma jkollok varjazzjoni iktar hemm cans li tibiegh xi haga. Hu qal ukoll li jixtieq jara sigra tal-Milied fil-Pjazza. Is-Segretarju qalet li fuq din ukoll trid tara min fejun ha ggibha.
**Skema Progetti Specjali:** Il-Kunsill ha japplika sabiex igib fondi ghall-apparat tal-Gym ta' Gnien Hal Warda.
**Skema Attivitajiet Sportivi:** Is-Sur Bonnici qal li jinsab iddizappuntat fuq l-attivita' Sports for All. Is-Sur Cordina qal li Gwardjani Lokali ma gewx u s-Segretaru Ezekuttiv ghamlet l-ghamlu taghha biex dak il-hin irrangat ghal Pulizija u li kellhom jinhargu l-flus kollha xorta. Is-Sur Bonnici qal li hawn apatija kbira u sahansitra ntbaghtu l-*leaflets* fid-djar kollha. Ghall-kuntrarju is-soltu tigrija tal-atletika marret tajjeb hafna. Is-Sur Cassar

qal li b'xi mod irid ikollna l-barriers taghna biex tinghalaq it-triq kmieni u kieku din inghalqet u kien hemm ftit muzika kien jinqala xi hadd bhal ma gara fil-kaz tal-Volleyball li sar fis-7 ta' Gunju 2010.

Ghalhekk wara n-nuqqas ta' konkorrenza li kien hemm nhar il-Hadd, 25 ta' Settembru, is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ftit li xejn qed tara ghalfejn ghandhom jintefqu dan l-ammont ta' flus ghal ftit nies pero' xorta mhix ha teskludi li tinsab gurnata forsi iktar adattata u fejn il-Kunsill jekkwipagga ruhu ahjar..

Is-Sur Spiteri qal li jixtieq jara dak il-progett li ssottomettew iz-Zghazagh tal-Kunsill taz-Zghazagh jigi rejalizzat. Is-Segretarju qalet li peress li l-progett hu fuq Energija olternattiva ha tistenna li tohrog l-iskema adattata u tapplika.

## 7. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Mark Anthony Spiteri ressaq dan il-punti:

- Saru *yellow lines* fi Triq iz-Znuber k/m Dahlet l-Oleandri. Is-Sur Cordina qal li fejn sar il-*yellow line* kien qed isir parkegg illegali. L-unika skop li sar il-yellow line kien sabiex ikun jista' jidhol tal-gass. Is-Sur Spiteri qal li minn daqshekk isir parkegg illegali il-hin kollu la m'hemmx fejn tipparkja. Is-Sur Cordina qal li ma jaghmilx sens li a deskapitu ta' min jipparkja hazin irid ibati haddiehor. Dan il-line ghandu jithalla.

  Is-Sur Mark Anthony Spiteri skuza ruhu u halla l-kamra f'dan il-waqt.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dan il-punti:

- Talab sabiex isir servizz ta' *bike rack* f'kull gnien. Kulhadd qabel.
- Li fi Triq il-Pitkali ma' Triq il-Gibjun hemm bicca art zdingata bla cint u qed jintefa' kull ammont ta' skart specjalment fdalijiet tal-haxix. Is-Sur Bartolo qal li ha jaghmel kuntatt mas-Sanita' minhabba l-ammont grieden li hemm. Hu qal li li qed jigri hu li tal-frott qed jitfa' l-haxix li jkollu kollu faccata, r-residenti jaghmlu l-istess u b'hekk qed jigu l-grieden. Is-Sur Cordina qal li l-Green Wardens huma limitati, anzi bilkemm qed joperaw bhalissa. Ha jintbaghat rapport lill-MEPA, Sanita' u kull min hu koncernat.
- Talab biex jigi mistoqsi l-Avukat fuq il-barriera u fhiex wasal l-avukat fil-ftuh tal-kawza kontra s-Sid tal-barriera.
- Fakkar fuq l-iccippjar tal-klieb. Dan is-servizz ghandu jigi offrut f'Jannar, biss is-Segretarju Ezekuttiv wriet l-inkonvenjeza sabiex jintuzaw l-ufficcini tal-Kunsill ghal dan l-iskop anki igenikament. Dan il-punt ha jigi diskuss iktar il-quddiem.
- Dun Mikiel Xerri rigward hmieg wara c-cint fejn hemm il-Palm sabiex dan jingabar.
- Bdil ta' sigar tal-Ewkaliptus hdejn Blokk A1 u A2. Ghandha ssir laqgha mal-kuntrattur.
- Saqsa liema rotta ha tghaddi minn hdejn il-Junior College. Is-Sur Cordina qal li ghalissa din mhix qed tghaddi imma ghaddejjin diskussjonijiet sabiex ir-rotta tigi lura ghal li kienet.
- 51,52,53 qed ihallu hafna nies fuq l-istages u ghalhekk ghandhom jigu nfurmati l-Arriva.

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti:

- Jigi kkuntatjat George Portelli sabiex tittranga u jinghalaq l-access ta' Binja fi Triq Dun Mikiel Xerri.
- Jizdiedu zewg bankijiet hdejn il-flats tal-Gvern. Kulhadd qabel. Dawn sa jsiru wara li jinbidlu s-sigar u jinzerghu ohrajn.
- Talab li l-106 tghaddi minn Victor Vassallo.

- Li l-bankina ta’ quddiem il-Lottu tigi rrangata. Is-Sur Cordina qal li din il-banca hija mikrija minghand is-Sur Lino Farrugia Sacco. Dan kien garaxx u gie mikri ghall-banca tal-Lottu. Issa saqsa s-Sur Cordina jekk il-Kunsill jirrangaha u wara jerga’ jsir garaxx x’isir, terga’ titkisser? Din ha tigi rrangata mill-Kunsill

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dan il-punti:

- Bozza tteptep fi Triq il-Pitkali hdejn ir-residenza tieghu.
- Li l-bankina bejn Triq il-Kappar u Triq il-Pitkali tigi rrangata bhal ma jidher fir-ritratti li ga gew prezentati waqt il-korrispondeza.
- Li jigi rijattivat il-Gemellagg ma’ Pieve Emanuele.

.

Is-Sur Bonnici resqet dan il-punti:

- Li ssir tindifa fi Triq is-Salvatur.
- Talab li tintbaghat reminder fuq l-art mitluqa ta’ hdejn Triq is-Salvatur.
- Li ssir applikazzjoni sabiex isiru l-bankini ta’ Triq l-Imdina.
- Bhal ma qal is-Sur Zammit tittranga l-bankina ta’ quddiem il-Banca tal-Lottu.

Is-Sur Mark Anthony Spiteri qal li qabel ma jsir l-aggornament jixtieq jinforma lill-Kunsill li d-Dott. Luisa Gauci Baluci qaltlu li ma tistax tigi iktar ghall-laqghat nhar ta’ Erbgha imma tista’ nhar ta’ Tnejn u Hamis dejjem jekk ix-xoghol jippermetti.

**8. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.10pm ghat-3 ta’ Novembru 2011.

_______________________ Sindku

_______________________ Data